**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 24 ta` Settembru 2019**

**Kawza Nru. 3**
**Rik. Gur. Nru. 95/2017 JZM**

**John Cortis** (detentur tal-karta ta` l-identita bin- numru 531862(M)]

***kontra***

**Mark Anthony Portelli** (detentur tal-karta ta` l-identita bin-numru 535880(M)]

***u***

**Vanna Portelli** (detentrici tal-karta ta` l-identita bin-numru 62983(M)] ghal kull interess li jista` jkollha ; ***u*** b`digriet moghti fil-11 ta` April 2017 l-isem "Vanna" gie jaqra "Vania"

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-30 ta` Jannar 2017 li jaqra hekk :–

*1. Illi r-rikorrenti kien gie avvicinat mill-konvenut sabiex jisilfu somma flus sabiex il-konvenut ikun jista` jimporta xi deheb minn Sierra Leone u jaghmel negozju f`dan is-sens u kif ukoll idahhal lir-rikorrenti mieghu f`dan l-investiment ;*

*2. Illi l-konvenut kien laqqa` lir-rikorrenti ma` persuni li skont hu kellhom licenzja sabiex igibu inglotti tad-deheb gewwa Malta senjatament certu Mamusu Rosaline Mucktarru Kallay u zewgha Chief Kallay, zewg persuni li allegatament kellhom il-licenzja sabiex jakkwistaw inglotti tad-deheb minn Sierra Leone u jibghatuhom Malta bi prezz vantagguz ;*

*3. Illi l-konvenut kien wieghed lir-rikorrenti li dan in-negozju kellu jirnexxi u li gialadarba jirnexxi huwa kien ser jirrifondi lill-esponenti fil-flejjes li huwa kien sellfu u kif ukoll li kien ser jaqsam mieghu l-qligh kollu li huwa kellu jaghmel minn fuq l-imsemmi importazzjoni u bejgh ta` inglotti ta` deheb ;*

*4. Illi kien ghalhekk li r-rikorrenti kien silef lill-konvenut sittin elf ewro (euro 60,000) oltre somma ohra sabiex tkopri l-ispejjez sabiex dawn l-inglotti tad-deheb jingiebu f`Malta; liema somma globalment tammonta ghall-erbgha u sittin elf u tmien mitt ewro (euro 64,800) ;*

*5. Illi dan in-negozju kien gie maqbul waqt laqgha fil-Medasia u prezenti kien hemm anki l-mara tal-konvenut fost nies ohrajn; kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;*

*6. Illi r-rikorrenti, peress li kien jafda lil-konvenut, kien accetta li jisilfu dawk il-flejjes u kien dawwar cheque li kien mahrug fuq ismu minn Calamatta Cuschieri fuq il-konvenut, kopja ta tali cheque huwa hawn anness u mmarkat bhala `**Dokument JC1**` u **Dokument JC2**` liema cheque il-konvenut kien iddepozitah sabiex jaghmel uzu minnu f`dan l-allegat investiment f`inglotti tad-deheb ;*

*7. Illi r-rikorrenti huwa persuna li la jaf jaqra u lanqas jaf jikteb ;*

*8. Illi dan ic-cheque kien issarraf mill-istess konvenut u tpogga f`kont li jghajjat lil-Portem Investment Limited nhar is-26 ta` Marzu 2016 mill-istess konvenut; u dana kif jirrizulta mid-dokument anness bhala `**Dokument JC2**` u qatt ma ntuza ghall-iskopjiet li ghalihom kienu ftehmu l-partijiet ;*

*9. Illi r-rikorrenti sussegwentement kien sar jaf li dan in-negozju ma kienx sar u li minflok dawn il-flejjes il-konvenut kien uzahom sabiex jixtri u jakkwista banka tal-Lottu ohra ;*

*10. Illi l-konvenut kien wieghed lil-esponenti li kien ser iroddlu lura dawk il-flejjes li huwa kien sellfu u fil-fatt kienu saru f`erbgha (4) pagamenti ta` sitt elef euro (euro6,000); elfejn (euro2000), elfejn (euro2000), u elfejn (euro2000) euro ohra, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; fuq liema dokument il-konvenut a skapitu tieghu kiteb li qieghed jirritornahom b`imghax ta` ghaxra fil-mija (10%) meta l-esponenti hu persuna li la jaf jaqra jew jikteb; kopja tad-dokumenti annessi bhala `**Dokument JC3**` u `**Dokument JC4**`;*

*11. Illi wara dawn il-pagamenti ma kienx hemm pagament iehor u l-konvenut kien weghdu li kellu jhallsu u talbu ftit taz-zmien sabiex isir il-pagament opportun ;*

*12. Illi ghalkemm ftit taz-zmien mhux hazin kien ghadda, ir-rikorrenti baqa` ma thallasx il-bqija tas-somma lilu dovuta ;*

*13. Illi l-esponenti din is-somma kien selifha direttament lill-konvenut ghax huwa kien habib tieghu u kien jafdah u dejjem weghdu li jhallsu lura u fil-fatt kien diga` beda jhallsu lura ;*

*14. Illi l-konvenut dawn il-flejjes kien uzahom ghal skopijiet ohrajn u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u sal-llum ir-rikorrenti ghad jonqsu jigbor is-somma ta` tnejn u hamsin elf u tmien mitt ewro (euro 52,800) u kif ukoll l-imghaxijiet dovuti skont il-ligi fuq l-imsemmija somma li ghadha ma thallsitx lilu ;*

*15. Illi kien biss zmien wara li r-rikorrenti nduna li l-konvenut ma kienx bi hsiebu jhallas is-somma dovuta lil-esponenti u kien interpellah permezz ta` ittra ufficjali sabiex ihallsu r-rimanenti bilanc u rrefera lejn*

*skrittura li kienu ffirmaw fis- sebgha u ghoxrin (27) ta` Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) liema skrittura l- esponenti kien iffirma bil-hsieb li l-flus kienu mislufa ghall iskopijiet li dwarhom ftehmu l-partijiet qabel ma ghadda l-flus direttament lil-konvenut f`ismu personali; kopja tad-dokument li kien prepara ll-konvenut hawn annessa u mmarkata bhala* ***`Dokument JC5` ;***

*16. Illi l-esponenti qieghed ukoll jipprezenta d-dokumentazzjoni li turi li-n-negozju kellhu jkun dak ta` importazzjoni ta` deheb u qieghed jipprezenta d-dokumentazzjoni li kien ghaddielu l-konvenut u cioe` :-*

***`Dokument JC6`*** *– Gold Exporter`s Licence*

***`Dokument JC7`*** *– email li kien baghat il-konvenut lil certu Owen Bezzina li tikkonferma li hu kien iddepozita 60,000euro fl-accounts ta` certu Portem*

***`Dokument JC8`*** *– kopja tal-biljetti li thallsu tal-Airmalta biex din il-persuna tmur igib id-deheb*

***`Dokument JC9 u JC10`*** *– somma flus li kien hareg l-esponenti fuq talba tal- konvenut*

***`Dokument JC11`*** *–L-Agenda li kien ghamel il-konvenut*

***`Dokument JC12`*** *– Email ohra mibghuta minn Chief Mucktarru Kallay lil Mark Portelli*

***`Dokument JC13` – `Dokument 17`*** *– il-Licenzja mahrugha mill-Ministry of Mines & Mineral Resources*

*17. Illi l-konvenut huwa mizzewweg lil Vanna Portelli u hemm il-komunjoni tal-akkwisti vigenti bejnietom u ghalhekk kellha titharrek f`dawn il-proceduri ;*

*18. Illi sal-gurnata tal-llum, ir-rikorrenti ghadhom ma hallasux il-bilanc dovut u kien ghalhekk li kellha ssir din il-kawza.*

*GHALDAQSTANT, jghid il-konvenut ghaliex ma ghandhiex din il-wisq Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega :-*

*1. Tiddikjara lilL-konvenuti u/jew min minnhom bhala debituri tar-rikorrenti fis-somma ta` tnejn u hamsin elf u tmien mitt ewro (euro 52,800), oltre l-imghax dekorribbli skont il-ligi.*

*2. Tordna lil-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu lir-rikorrenti is-somma ta` tnejn u hamsin elf u tmien mitt ewro (euro 52,800), oltre l-imghax dekorribbli skont il-ligi fuq l-imsemmija somma.*

*Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-istess konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Rat ir-risposta guramentata li kienet prezentata fis-27 ta` Frar 2017 u taqra hekk :-

*1. Illi, preliminarjament, tehtieg korrezzjoni fl-okkju, fis-sens li isem il-konvenuta tnizzel hazin, u ghandu jaqra `Vania Portelli`;*

*2. Illi, preliminarjament, it-talbiet attrici kif rivolti lejn l-eccepjenti Vania Portelli huma preskritti a tenur ta` l-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta, u dan apparti u b`zieda ma`, l-eccezzjonijiet l-ohra li jsegwu ;*

*3. Illi, preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, tigi eccepita n-nuqqas ta` relazzjoni guridika bejn il-partijiet ;*

*4. Illi, preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccepjenti ma humiex il-legittimi kuntraditturi ta` l-attur ;*

*5. Illi, fil-mertu, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bi spejjez kontra l-attur, u dan stante li huma la qatt nnegozjaw personalment ma` l-attur u wisq anqas ghandhom jaghtuh xi flus ;*

*6. Illi l-konvenuti huma mizzewgin, liema zwieg taghhom huwa regolat mir-regim tas-separazzjoni tal-beni, u f`kaz biss li t-talbiet attrici*

*kellhom jintlaqghu kontra l-konvenut Mark Anthony Portelli, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-eccepjenti Vania Portelli ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, u tali sentenza m`ghandu jkollha ebda effett fuq l-assi ta` l-istess konvenuta ;*

*7. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, f`kaz biss li jintlaqghu it-talbiet attrici, kwalunkwe imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika ta` l-ewwel interpellazzjoni gudizzjarja. Mill-atti, precizament DOK. JC19 jirrizulta li eccepjenti Mark Anthony Portelli gie notifikat b`ittra ufficjali interpellatorja fl-14 ta` Gunju 2016 mentri l-ewwel darba li l-eccepjenti Vania Portelli giet interpellata kien bin-notifika tar-Rikors Mahluf odjern, liema data tigi stabilita minn dina l-Onorabbli Qorti anke wara li ssir id-debita korrezzjoni kif diga` indikat.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet li nghata fl-udjenza tal-11 ta` April 2017 fejn kienet awtorizzata l-korrezzjoni fl-isem tal-konvenuta fis-sens illi l-isem taghha li kien indikat bhala "*Vanna*" kellu jigi sostitwit bl-isem korrett li huwa "*Vania*".

**Rat illi wara dan id-digriet, kienet irtirata l-ewwel eccezzjoni.**

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

**Rat in-nota tal-atturi tad-29 ta` Ottubru 2018 fejn it-talba kienet ridotta ghal €6,284.81 stante pagament parzjali fil-mori tal-kawza rizultanti minn zbank ta` cedoli.**

**Rat illi d-dikjarazzjoni li ghamel l-attur fl-udjenza tat-2 ta` April 2019 fejn iddikjara li kien qieghed jirrinunzja ghat-talbiet tieghu limitament fil-konfront tal-konvenuta Vania Portelli.**

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li pprezentaw il-partijiet.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. L-azzjoni attrici

**L-attur imposta l-azzjoni fuq il-kuntratt ta` mutwu**.

Ighid l-attur illi huwa silef lill-konvenut Mark Anthony Portelli s-somma ta` €64,800 (kapital u spejjez) sabiex dan jinvesti f`negozju ta` importazzjoni u bejgh ta` deheb. Mill-premessi tar-rikors guramentat jirrizulta li ghal dan is-self li ghamel lill-konvenut, l-attur kellu *jiddahhal* (kliem testwali tal-attur) mal-konvenut f`dak l-investiment. Jidher li l-ftehim kien li l-attur kien ser jithallas lura l-ammont li silef, kif ukoll illi jaqsam mill-profitt tan-negozju.

Gara li n-negozju ma sehhx u kien hemm diffikultajiet anke biex jithallas il-kapital misluf.

Centrali ghar-risoluzzjoni ta` din il-kawza huma zewg kwistjonijiet.

L-ewwel kwistjoni hija :
jekk si trattava ta` self, min kien id-debitur.

It-tieni kwistjoni hija :
jekk il-flus li hareg l-attur kienux attwalment self ;
inkella kienux investiment kapitali bil-hsieb ta` profitt, bis-sogru li dan tal-ahhar jipprospetta ghad-differenza ta` kuntratt ta` self.

Delineati l-binarji tal-vertenza, il-Qorti kkostatat illi filwaqt li l-attur jikkontendi li huwa silef lill-konvenut Mark Anthony Portelli personalment, dan tal-ahhar jghid li, jekk dak li sar kien self, allura dak is-self ma sarx lilu izda lill-kumpannija Malta Sierra Leone Trading Investments Company Limited ("**MSLT**").

Ghalhekk il-konvenut jaghti l-eccezzjoni li huwa de proprio m`ghandux relazzjoni guridika mal-attur u mhuwiex il-legittimu kontradittur tieghu.

Bhala fatt MSLT mhijiex parti fil-kawza.

Hadd mill-partijiet ma talab il-kjamata fil-kawza ta` MSLT.

Bhala fatt mhux kontestat l-ammont li ghadda minn id ghal ohra.

Lanqas ma huwa kontestat li fil-mori tal-kawza l-attur zbanka parti mill-ammont pretiz, li kien depozitat taht l-awtorita` tal-qorti permezz ta` cedoli ta` depozitu.

**Il-konsegwenza ta` dak l-izbank hija li, ghalkemm il-pendenza tibqa` mpernjata fuq iz-zewg kwistjonijiet fuq riferiti, l-ammont illum pretiz mill-attur nizel ghal €6,284.81 (ara n-nota li pprezenta l-attur fid-29 ta` Ottubru 2018).**

Tajjeb jinghad li l-attur qed jitlob li jithallas imghax legali b`effett mid-data tas-self.

## III. Xiehda

**L-attur** xehed illi kien ilu jaf lill-konvenut ghal aktar minn 12-il sena. Kienu hbieb kbar u kien jafdah ghaliex ghalih kien ragel tal-affari tieghu.

Ghal habta tal-2012, waqt illi kienu qeghdin f`wahda mill-banek tal-lottu li ghandu l-konvenut, dan semma li kien qieghed jithajjar jimporta d-deheb ghal Malta. Qal li kien jaf xi nies minn Sierra Leone li kienu ser jibghatulu lingotti ta` deheb ta` kilo l-wiehed. L-intimat stqarr illi kellu bzonn €60,000 sabiex jixtri z-zewg lingotti, kif ukoll il-flus ghall-passagg tal-persuna li kienet ser tmur Sierra Leone tixtri d-deheb u tibghatu bid-DHL. L-akkwist tad-deheb minn Sierra Leone kien jehtieg licenzja. L-intimat laqqa` lill-attur ma` certa Mamusu Rosaline Mucktarru Kallay, mara ta` karnaggjon skur li kienet mizzewga lil certu Chief Kallay. Din il-mara kellha licenzja sabiex tixtri d-deheb. Dan l-inkontru sar waqt ikla li saret go restaurant Medasia ; kienu prezenti l-attur, hu l-attur Chris Cortis u l-gharusa tieghu Lucienne Cassar, u l-konvenuti li dak iz-zmien kienu ghadhom gharajjes. Kien ukoll prezenti l-Av. Dr. James D`Agostino li kellu jiehu hsieb dan in-negozju, u mara ohra li kienet mieghu. Waqt din l-ikla, sar il-ftehim dwar kemm kien jehtieg flus l-intimat u dwar kif kellu jsir in-negozju.

Kompla jixhed illi ftiehem mal-konvenut illi kellu jghaddilu s-somma ta` €60,000, u l-ispejjez tal-vjagg fl-ammont ta` €4,200 u €534.67. Mamusu Rosaline Mucktarru Kallay kellha ssiefer f`Marzu 2012 u l-konvenut xtara l-biljett tal-ajru bil-flus illi kien ghaddielu hu. Il-ftehim dwar in-negozju kienet l-importazzjoni ta` erba` kilogrammi deheb ; malli din issir, l-attur kellu jithallas lura l-kapital u l-ispejjez li hareg. Il-qligh kellu jinqasam bejn tlieta : l-attur, il-konvenut u Chief Kallay, terz kull wiehed. Huwa ghadda l-flus lill-konvenut wara li sarraf investiment li kellu ma` Calamatta Cuschieri. Ftit tal-jiem wara il-konvenut talbu jiffirma karta bil-pretest illi dik kienet ricevuta. Huwa haseb li dik kienet karta minghand l-avukat, u ghalhekk qabad u ffirma. Effettivament dak kien ftehim ta` kostituzzjoni ta` debitu bejn l-attur u Mark Anthony Portelli ghan-nom ta` MSLT.

Stqarr li huwa la jaf jaqra u lanqas jikteb. jghid li Portelli ghaddielu aktar karti sabiex izommhom migbura go file sabiex ikollu rendikont tal-ispejjez. Huwa ma kienx jaf x`kien fihom il-karti u sar jaf x`kien hemm fihom meta hadhom ghand l-avukat tieghu u talabha taqra kollox halli jifhem. Irrizulta illi fost dawn il-karti kien hemm :-

- Licenzja ghall-importazzjoni tad-deheb ;

- Il-biljett tal-ajru ta` Mamusu Rosaline Mucktarru Kallay ;

- Skambju ta` e-mails bejn Portelli u Owen Bezzina mnejn jidher li l-konvenut ghamel depozitu ta` €60,000 fil-kont ta` Portem Investments Ltd ("**Portem**") fis-26 ta` Marzu 2012 ;

- Ftehim dwar l-importazzjoni ta` tlett konsenji ta` deheb li kien iffirmat minn Portelli u Kallay ;

- Skambju ta` e-mails bejn Portelli u Kallay dwar l-importazzjoni tad-deheb ;

- *Certificate of Business Registration* datat 29 ta` Marzu 2012 li mnejn jidher li MSLT kienet registrata fi Sierra Leone ;

- *Certificate of Incorporation* li juri li MSLT kienet inkorporata fi Sierra Leone fid-29 ta` Marzu 2012.

Kompla jixhed illi z-zmien beda ghaddej u beda jistaqsi meta kien gej id-deheb, izda d-deheb baqa` ma wasalx. Il-konvenut gharrfu li d-deheb ma kienx se jasal u li l-flus li kien ghaddielu kien investihom f`banka tal-lottu Hal Qormi. Dan sar minghajr il-kunsens tieghu. Ghalkemm il-konvenut qallu li ser ihallsu lura baqa` ma sarx ftehim dwar meta kien se jsir il-hlas. Bhala fatt, Portelli hallsu €12,000 mis-€60,000 li kien tah. Il-hlas sar f`erba` pagamenti separati. Ghalkemm kien imwieghed li meta Portelli jbiegh il-banka tal-lottu ta` Hal Qormi kien ser jithallas, baqa` ma thallasx il-bqija li kellu jiehu. Ghalhekkipprezenta ittra ufficjali u wara l-kawza tal-lum.

Fil-**kontroezami** xehed illi hu u l-konvenut kellhom banka tal-lottu u ghalhekk kienu jiltaqghu kuljum. Waqt diskussjoni bejn zewgt ihbieb gie d-diskors dwar dak illi kellu f`mohhu jaghmel il-konvenuti dwar l-importazzjoni tad-deheb. Ikkonferma illi l-proposta mill-ewwel hajjritu ghaliex il-profitt kien jidher interessanti. Din id-diskursata sehhet madwar hmistax il-gurnata qabel sar is-self tal-flus. Imbaghad ftit tal-granet qabel ghadda l-flus lil Portelli ltaqa` mal-konjugi Kallay. Is-self sar kemm konsegwenza tal-hbiberija li kellu mal-konvenut, u kif ukoll sabiex jidhlu bi shab fin-negozju.

Kompla jixhed illi qabel ghadda l-flus, il-konvenut kien qallu li kienet se ssir kumpannija sabiex jigi mpurtat id-deheb. Huwa ma kienx dahal fil-kumpannija ghaliex kien miftiehem illi ser jghaddi l-flus lil Portelli personalment. Fil-fatt hekk sar. Huwa kien jaf lill-konvenut mhux il-kumpannija. Lil Kalay ma kienx jafu ; ghalhekk ma setax jafda lil xi hadd barrani illi kellu anke diffikulta` biex jikkomunika mieghu. Il-konvenut insista mieghu li kellha ssir karta sabiex huwa jkun protett u jkollu x`juri li silef il-flus. Ikkonferma li Portelli kien jghaddilu hafna karti sabiex izommu aggornat bl-andament tan-negozju u l-karti kollha li ghaddielu pprezentahom fl-atti.

Stqarr illi ghalkemm ma jafx x`kien il-kontenut tal-iskrittura ta` kostituzzjoni ta` debitu, ikkonferma li l-firma fuq id-dokument hija tieghu. Spjega illi hu jiffirma biss jaf. Skont ma kien miftiehem verbalment, il-karta kellu jkun fiha ftehim dwar is-self ta` flus li huwa kien ghamel lill-konvenut. Sahaq li s-self sar lil Portelli personalment. Il-ftehim ma` l-konvenut kien li l-flus imorru ghand Portelli. Kif id-deheb jitlaq minn Sierra Leone, il-konvenut kellu jghaddi l-flus lill-kumpannija. Dan sar sabiex il-flus ikunu lesti fl-idejn u malli jasal iz-zmien tal-pagament dan isir minghajr dewmien. Il-ftehim kien iffirmat wara li kienu ghaddew il-flus. Kien diga` affida l-flus lill-konvenut u ghalhekk ghalfejn jiehu parir dwar il-karta li kien ser jiffirma. Sahaq illi huwa jafda lil Portelli tant li qatt ma ha parir dwar ebda karta li kien jghaddilu Portelli. Ghalkemm ma kienx jaf jaqra, lanqas talab lil xi hadd ifissirlu l-kontenut ta` dawk il-karti.

Kompla fisser illi dakinhar tal-ikla fil-Medasia la ghaddew flus u lanqas kienu ffirmati karti. L-ikla saret wara li l-ewwel ghaddew il-flus u l-ghada kien iffirmat il-ftehim.

Stqarr illi meta sar jaf li d-deheb ma kienx wasal, hu beda jistaqsi dwar flusu. Kien f`dak l-istadju li Portelli infurmah illi kien uza xi flus biex jixtri banka tal-lottu pero` assikurah li kien se jrodd is-somma lura.

Qal illi xi xhur wara, Portelli lmenta mieghu illi Chief Kalay kien gheb u li kien tilef kull kuntatt. Kien jghidlu li kien ser jipprova jgib id-deheb minn band`ohra, pero` d-deheb ma wasal minn imkien. Eventwalment

sar kuntatt ma` Norman Zammit li huwa negozjant. Sar negozju wkoll ma` dan Zammit izda lanqas dan ma rnexxa. In-negozju sar bejn l-attur, huh Chris, il-konvenut u Norman Zammit. Mistoqsi jekk il-flus li ghadda lil Portelli gewx investiti fil-kumpannija Quentin Investments, l-attur baqa` jwiegeb fin-negattiv. Ghal dan in-negozju kulhadd hareg is-sehem tieghu minn butu.

Sahaq illi l-flus qieghed jitlobhom lura minghand l-intimat ghaliex hu lill-intimat ghaddihom u x`ghamel bihom l-intimat ma setax jghid.

**<u>Il-konvenut</u>** xehed illi ghalkemm huwa ghalliem, huwa nvolut ukoll fin-negozju. Illum jiggestixxi *restaurant* u *hotel*. Bejn l-2008 u l-2015 kien imexxi erba` banek tal-lottu. Spjega illi l-licenzja biex topera banka tal-lottu tohrog f`isem individwu li jkun applika mal-Maltaco wara li din tkun ghamlet il-verifiki taghha. Ghal tnejn mill-erba`banek tal-lottu kien ha self minn Banif Bank. Fil-fatt ghax-xiri tar-raba` banka sellef is-somma minghand Banif Bank permezz ta` *loan agreement* datat 28 ta` Settembru 2012.

Kompla jixhed illi lill-attur kien ilu jafu ghal madwar hmistax il-sena. Iltaqa` kemm mieghu kif ukoll ma` huh Chris socjalment. Ghalkemm l-attur kien jghid li huwa bennej, kien jghix bir-*relief*. Spjega illi dak in kwistjoni ma kienx l-ewwel negozju li ghamel mal-attur u ma` huh u qatt ma kien hemm problemi.

Dwar in-negozju in kwistjoni stqarr illi huwa kien jaf lil Chief Kallay bhala diplomatiku fl-ambaxxjata ta` Sierra Leone fil-Libja. Kallay kien jipprova jattira n-negozju lejn pajjizu u l-mara tieghu kellha l-esperjenza f`dan in-negozju. Biex dan in-negozju jibda jahdem, hu u Kallay kellhom bzonn investitur iehor u l-attur wera interess illi jinvesti maghhom. In-negozju kien jehtieg certa flus biex jigi mportat id-deheb, ghaliex kull kilogramma deheb kienet tiswa` $30,000. L-attur kien ser ikun il-persuna illi jghin billi jinvesti l-flus sabiex jingieb id-deheb. Cortis kien ser jinvesti s-somma ta` €60,000 u lura kien ser jiehu terz tal-profitti. Tieghu kienet ser tkun speci ta` *shareholders loan*.

Kompla jixhed illi qabel beda n-negozju, kienet kostitwita l-kumpannija MSLT. Din giet registrata fit-13 ta` Marzu 2012. Kienet *holding company* bejnu, Portem u Chief Kallay. Kull azzjonist kellu sehem ta` 50% fil-kumpannija. L-attur kellu jkun parti mill-kumpannija izda billi kien jghix bir-*relief* inghata l-parir illi ma jidholx fil-kumpannija ghaliex kien jispicca jitlef ir-*relief*. L-attur xorta wahda nvesta l-flus fil-kumpannija billi, sabiex ikun kopert, fuq insistenza tieghu, kien iffirmat ftehim bejn MSLT u l-attur dwar il-flus. Il-ftehim sar madwar hmistax il-gurnata wara li kienet kostitwita MSLT. Wara li jigi mpurtat id-deheb l-attur kellu jiehu lura l-flus illi kien sellef, kif ukoll parti mill-profitti li kellhom jinqasmu ndaqs, u cioe 33% tal-profitti kull wiehed. Lil Cortis tarraflu dwar in-negozju ghall-habta tal-ahhar tal-2011. Flimkien raw l-informazzjoni kollha illi tahom Chief Kallay dwar licenzji li kienu mehtiega ghall-importazzjoni tad-deheb.

Stqarr illi l-attur silef il-flus lill-kumpannija hekk kif jirrizulta mill-ftehim iffirmat fis-27 ta` Marzu 2012. Il-flus ghaddew b`cheque mahrug minn Calamatta Cuschieri f`isem l-attur. Cortis imbaghad iffirma ic-cheque u ghaddieh lilu. Il-flus thallsu qabel kien iffirmat il-ftehim. Bil-flus kellu jkun akkwistat id-deheb mill-mara ta` Kallay. Saret ukoll kumpannija ohra gewwa Sierra Leone ghall-iskop ta` dak in-negozju. Sahaq li l-attur dejjem ghaddielu kopja tad-dokumentazzjoni kollha.

Xehed illi huwa rcieva l-flus ta` Cortis ghan-nom tal-kumpannija. Fisser li ma harget ebda ricevuta. Lanqas ma hemm karti li jixhdu li l-flus ircevihom hu ghan-nom tal-kumpannija. Huwa ddepozita c-cheque f`kont mal-BOV li kien intestat lil Portem li hija kumpannija tieghu. Sar hekk ghaliex MSLT kien ghad ma kellhiex kont tal-bank, peress illi l-bank kien jehtieg jaghmel l-ezercizzju ta` *due diligence* billi wiehed mill-azzjonisti ma kienx cittadin ta` pajjiz membru tal-UE. Meta sar il-ftehim, il-partijiet kollha nvoluti kienet organizzata ikla, kemm biex jiccelebraw in-negozju, kif ukoll biex jiftehmu dwar il-logistika tal-importazzjoni tad-deheb.

Kompla jixhed illi mis-somma ta` €60,000 li silef l-attur, huwa hallsu lura s-somma ta` €12,000. Dan il-pagament sar bi flus li harget Portem Lotteries and Gaming Ltd, kumpannija ohra li huwa kellu b`rabta mal-banek tal-lottu. Ghal dan ghamel tajjeb billi rranga l-finanzi nternament u ghamel trasferiment tal-flus minn kumpannija ghal ohra.

Stqarr illi kien hemm tliet ragunijiet ghala l-importazzjoni tad-deheb ma saritx :-

i. Sa ma waslu Sierra Leone il-prezz tad-deheb kien tela` ghal $35,000 kull kilogramma. Kien hu li ta struzzjonijiet biex id-deheb ma jinxtarax. Ghalhekk ma ntbaghtux aktar flus lil Kallay.

ii. Il-prezz tad-deheb kien zdied ghaliex kien lahaq beda l-istagun tax-xita u l-livell tal-ilma fix-xmajjar kien joghla u jsir perikoluz. Ghalhekk peress li l-frak tad-deheb jingabar mix-xmajjar, il-prezz kien oghla.

iii. Kien hemm epidemija tal-Ebola fir-regjun minn fejn jingabar id-deheb.

Xehed illi huwa tkellem dwar dan mal-attur u kien tal-fehma li ahjar jistennew ftit qabel jinxtara d-deheb. Kellhom jaraw ukoll kif setghu jiehdu lura l-flus li diga` kienu nvestew. Qablu li jesploraw ic-cans li jimportaw id-deheb mill-Ghana tramite kuntatt iehor li huwa kellu. Ghalkemm intbaghtu xi flus sabiex jigi kampjun ta`deheb mill-Ghana, lanqas dan il-kampjun ma wasal.

Kompla jixhed illi kull kuntatt illi kellu ma` Chief Kallay intilef wara tlieta jew erba` xhur wara li kien iffirmat il-ftehim bejn MSLT u l-attur. Ghalkemm huwa pprova jaqbad lil Kallay b`diversi mezzi baqa` bla twegiba. Qabel intilef kull kuntatt Chief Kallay kien ghaddew ghand dan madwar $5,000, u cioe` €4,600. Dawn thallsu mill-attur. Huwa personalment hallas lura lill-attur *in cash.* Huwa nizzel dak l-ammont bhala *shareholders loan* li kellu jithallas minn MSLT.

Dwar l-ammont sborzat mill-attur, xehed illi €12,000 milli hareg marru ghall-ispejjez tan-negozju tal-importazzjoni tad-deheb. Madwar €28,000 ohra marru go negozju iehor illi hu, l-attur u huh Chris Portelli kienu ghamlu ma` Norman Zammit ghal Quintin Investments Ltd. Il-

ftehim igib id-data tad-29 ta` April 2014. Dan in-negozju kien dwar xiri ta` art fil-Bahrija li meta tinbiegh kellha thalli profitt sostanzjali.

Stqarr illi kien l-attur li nsista li l-flus ikunu nvestiti fin-negozju ma` Zammit. Ir-ragunament ta` l-attur kien illi ladarba kien hareg il-flus ried jaghmel xi haga bihom. Gara li hu u l-ahwa Cortis silfu lil Zammit is-somma ta` €80,000. Hu u l-ahwa Cortis investew terz tal-ammont kull wiehed. Chris Cortis investa s-somma ta` €26,666, l-attur hareg minn butu s-somma ta` €26,666, u mill-flus investiti mill-attur f` MSLT harget is-somma ta` €26,666. Kollox sar bl-approvazzjoni tal-attur li ried jirkupra xi haga mill-investiment tieghu.

Kompla jixhed illi lanqas in-negozju ma` Zammit ma sehh. jghid illi tilef kull kuntatt ma` Zammit wara li nsista li jiehu flusu lura u ha diversi passi legali biex jingabru lura l-flus fuq dak l-investiment u jkun jista` jithallas lura l-attur. Wara li ttiehdu passi legali, Zammit iddepozita fil-qorti cedola ta` €14,000. Parti minn dawn il-flus huma dovuti lill-attur billi hareg l-ammont ta` €26,666. Kwantu ghas-sehem li l-ahwa Cortis investew personalment dawn baqghu qatt ma thallsu lura minghand Zammit ghaliex fil-verita` qatt ma hadu passi biex jinforzaw il-kostituzzjoni ta` debitu ffirmat ma` Zammit.

Xehed illi l-ispejjez in konnessjoni mas-socjeta` MSLT ammontaw ghal €11,498. B`kollox hargu t-total ta` €26,666 fi spejjez b`rabta man-negozju, u l-ammont ta` €965 fi spejjez legali. L-attur thallas is-somma ta` €12,000 : €5,000 li huwa hallas in kontanti wara li cheque ghall-istess ammont kien *referred to drawer* ; €1,600 li thallsu minn MSLT b`cheque ta` BOV mahrug fit-3 ta` Novembru 2012. Kien hemm ukoll spiza ta` €2,780 ghall-importazzjoni ta` kampjun tad-deheb mill-Ghana. Thallas ukoll Chief Kallay ghall-ispejjez tal-kumpannija li saret Sierra Leone.

Sahaq illi hu personalment qatt ma ssellef flus minghand l-attur. Il-flus gew mislufa lil MSLT ghal negozju illi ma kienx irnexxa. L-attur dar kontra tieghu personalment wara li sab li ma setax jigbor flusu minghand MSLT.

Kompla stqarr illi llum l-attur m`ghandu jiehu xejn ghaliex il-kapital kollu minnu nvestit gie rifuz fit-totalita` tieghu ; anzi thallas ukoll xi ammonti zejda.

Ipprezenta prospett li turi l-flus kollha li thallas l-attur :-

Is-self kien ta` €60,000 + €4734.67 = **€64,734.67**
Minnhom ha lura **€12,000**
Ghalhekk kien fadal bilanc ta` **€52,734.67**

Dan il-bilanc thallas hekk :-

| | |
|---|---|
| Cheque datat 13 ta` April 2012 – (Dok. JC 10 a fol 21) | € 534.67 |
| Cheque datat 3 ta` Novembru 2012 li thallas minn MSLT | € 1,600 |
| Hlas in kontanti | € 2,500 |
| Hlas iehor in kontanti | € 2,500 |
| Zbank ta` cedola ta` depositu 350/18 | € 24,733.34 |
| Zbank ta` cedola ta` depositu 611/17 | € 14,932.96 |
| Zbank ta` cedola ta` depositu 922/18 | € 4,977.22 |
| Zbank ta` cedola ta` depositu 1074/18 | € 270.31 |
| Hlas ta` interessi wara subbasta | € 8.39 |
| Zbank ta` cedola ta` depositu 190/17 | € 1,592.97 |
| **Total** | **€ 53,649.86** |

Ghalhekk l-attur thallas is-somma ta` €900 aktar milli kellu jiehu.

Stqarr illi l-attur jikkontendi li ghad ghandu jithallas is-somma ta` €6,200, ghaliex qed jikkontesta li thallas is-somma ta` €1,600 b`cheque datat 3 ta` Novembru 2012, u qed jikkontesta li thallas zewg pagamenti ta` €2,500 kull wiehed bi flus kontanti.

Fil-**kontroezami**, dwar is-self ghax-xiri tal-*goodwill* fil-banek tal-lottu, li taghhom kien ha l-gestjoni, xehed illi l-investiment gie wara li kiseb self mill-bank. Ha s-self hu personalment, mhux Portem Lotteries and Gaming Ltd. Dwar l-investiment ma` Zammit, xehed illi r-relazzjoni tieghu

mal-attur tant kienet tajba li l-attur tah struzzjonijiet sabiex jidher ghalih billi ma riedx jidher personalment. Kien fuq struzzjonijiet ta` l-attur illi parti mill-flus investiti fl-MSLT marru ghan-negozju li kellu jsir ma` Zammit. Bejn l-attur u hu ma kien sar l-ebda dokument li jikkonferma l-mandat li kellu biex jhidher ghall-attur fin-negozju ma` Zammit. Kollox sar bil-fomm. Qal ukoll illi ghall-flus li ghaddew in kontanti qatt ma nhargu ricevuti.

**Chris Cortis** (hu l-attur) xehed illi jaf lill-konvenut ghaliex kienu hbieb u gieli ghamlu negozju flimkien.

Xehed illi darba marru jieklu flimkien. Kien hemm wiehed maghruf bhala c-Chief minn Sierra Leone. Waqt l-ikla tkellmu dwar negozju fl-importazzjoni ta` deheb. Il-hsieb kien li l-attur kien ser jghaddi s-somma ta` €60,000 lill-konvenut sabiex ic-Chief jimporta d-deheb. Gara però li d-deheb ma wasalx u l-flus zammhom il-konvenut u nvestihom f`banka tal-lottu. Jaf dan kollu ghaliex hu stess gieli kien prezenti waqt xi diskussjoni u anke ghaliex kien ikun huh stess li jghidlu dwar dak li kien ghaddej. Zied jghid li meta kienu jiltaqghu fil-banka tal-lottu gewwa Hal Qormi, il-konvenut kien jghid lill-attur li kien ser jaghtih il-flus lura. Irrizulta illi Portelli hallas lura biss ammont zghir mis-somma globali. Qal ukoll li dak ma kienx l-ewwel negozju illi huma ghamlu ma` Portelli. Il-konvenut dejjem hallas lura.

Fil-**kontroezami** xehed illi waqt l-ikla la ghaddew flus u lanqas kienu ffirmati karti. Il-flus ghaddew xi zmien wara l-ikla. Ma kienx prezenti meta l-attur iffirma l-karta ma` l-konvenut.

**Lucienne Cortis** xehdet illi ltaqghet ma` l-konvenut waqt ikla li saret il-Medasia Restaurant. Prezenti kien hemm hi, Chris Cortis, l-attur, il-konvenut, u t-tfajla tieghu, koppja barranija, l-avukat u t-tfajla tieghu. Waqt l-ikla tkellmu dwar negozju ta` importazzjoni ta`deheb li kien ser isir ma` l-koppja barranija. L-attur kellu jghaddi xi flus lill-konvenut, li kellhom jghaddu ghand dawn il-barranin. Dakinhar ma ghaddewx flus. Taf li l-attur ma jafx jaqra.

**Il-konvenuta Vania Portelli** (mart il-konvenut) xehdet illi ltaqghet mal-attur f`xi tliet drabi, wahda minnhom kienet dik meta saret l-ikla l-Medasia. Prezenti ghall-ikla kien hemm hi, Mark Portelli (illum zewgha), John Portelli, Dr James D`Agostino u t-tfajla tieghu, u l-attur. Kien hemm ukoll persuna maghruf bhala c-Chief u l-mara tieghu. L-ikla kienet celebrazzjoni wara progett ghal negozju ta` importazzjoni ta` deheb. In-negozju kien bejn il-konvenut, l-attur u c-Chief. Hija ma dahlitx fid-dettall tan-negozju biss taf bhala fatt illi d-deheb qatt ma wasal ghaliex inqalghu xi problemi. Taf ukoll illi zewgha jaghmel negozju u jekk ikun ser jaghmel xi negozju jahdem bil-kumpannija. Dwar il-banka tal-lottu xehdet illi l-konvenut xtaq illi jkollu licenzja ghar-raba` banka biss billi r-regoli jiddettaw illi persuna ma jistax ikollha aktar minn tlett licenzji, wahda minn dawk illi digà kellu, qalibha fuqha. B`hekk seta` jakkwista licenzja ghar-raba` banka tal-lottu. Ghal din ir-raba` licenzja kellu bzonn *loan.* Illum il-konvenut m`ghandux banek tal-lottu f`ismu.

**Walter Aquilina** minn Calamatta Cuschieri Investment Services Limited xehed illi mill-kont ta` l-attur inhareg cheque ghal €60,000. Ic-cheque hareg f`isem l-attur u l-fondi kienu gejjin minn diversi investimenti illi kellu u li nbieghu.

**Owen Bezzina** minn Bank of Valletta plc xehed illi l-konvenut huwa klijent taghhom. Jaf illi l-konvenut iddepozita cheque li kien mahrug minn Calamatta Cuschieri Investment Services Limited fl-ammont ta` €60,000. Ic-cheque kien depozitat fis-26 ta` Marzu 2012 fil-kont ta` Portem li hija kumpannija tal-intimat.

**Edmond Galea** minn Malta Gaming Authority xehed illi l-konvenut kellu permess sabiex jopera erba`banek tal-lottu. Dawn il-permessi kienu hargu b`effett mill-2007. Portelli ha l-ewwel banka tal-lottu fl-2007, ha ohra fit-8 ta` Jannar 2013 u ohra fid-19 ta` Dicembru 2013. Wahda minn dawn il-banek tal-lottu kienet in segwitu trasferita lil Vania Portelli.

Spjega illi meta wiehed japplika ghal permess, u l-permess johrog, dan johrog f`isem persuna fisika, mhux kumpannija. Fil-kaz tal-intimat il-permessi huma kollha f`isem Mark Anthony Portelli, u Vania Portelli skont kif fisser.

Qal illi llum il-gurnata l-banek tal-lottu m`ghadhomx f`isem il-konvenuti ghaliex kienu trasferiti lil terzi.

**Alison Mifsud Brimmer** minn HSBC Bank Malta plc xehdet illi f`Marzu 2012 l-attur kellu erba` kontijiet ; kont minnhom kien fid-Dollaru Amerikan u iehor fl-Sterlina.

**Stephen Baldacchino** minn Banif Bank Malta plc ipprezenta kopja ta` erba` cheques mahruga mill-kont intestat f`isem Mark Portelli. Ic-cheques hargu f`isem John Cortis : wiehed kien ghal €6,000 ; u tlieta ta` €2,000 kull cheque. L-erba` cheques issarrfu minn John Cortis.

**Joanna Bartolo** minn Bank of Valletta plc xehdet illi Portem Investments Ltd kellha kont wiehed. MSLT kellha zewg kontijiet. Dawn infethu fit-3 ta` April 2012 : kont tat-tip *savings* infetah b`*opening balance* ta` €607.67 u fadal fih bilanc ta` €54.42 ; qatt ma kien hemm depoziti f`dan il-kont ; il-kont l-iehor huwa *current account* li nfetah b`bilanc ta` €0.45 ; jidher illi kien hemm depozitu ta` €1,080, depozitu iehor ta` €520 u gbid ta` flus fl-ammont ta` €1,600. Dwar id-depozitu illi sar fis-26 ta` Marzu 2012 fl-ammont ta` €60,000, stqarret li dan sar minn Mark Anthony Portelli. Kien cheque mahrug minn Calamatta Cuschieri pagabbli lil John Cortis izda kien *endorsed* favur Mark Portelli. Kien ammont ta` €60,000 li ingibed mill-kont fit-28 ta` Marzu 2012.

**Jonathan Abdilla** minn Air Malta plc xehed illi l-kumpannija harget biljett tal-ajru fuq titjira tal-Air Malta ghal titjira Londra bir-ritorn. Il-biljett hareg f`isem Muktarru Kalay. Kien din il-persuna li hallset u li kienet il-passiggier. Il-biljett intuza ghat-titjira fit-23 ta` Marzu 2012. Ir-ritorn ma ntuzax ; kien prenotat ghall-1 ta` Mejju 2012.

## IV. L-eccezzjonijiet tal-konvenuta Vania Portelli

**L-ewwel (1), it-tieni (2) u s-sitt (6) eccezzjonijiet jittrattaw il-posizzjoni tal-konvenuta fil-kawza.**

L-ewwel eccezzjoni kienet tirrigwarda l-isem korrett tal-konvenuta. Il-Qorti laqghet talba tal-attur sabiex l-isem tal-konvenuta jsir Vania Portelli u ma jibqax Vanna Portelli.

**Wara li saret il-korrezzjoni, l-eccezzjoni kienet irtirata.**

**Ghalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.**

Fit-tieni eccezzjoni, kienet  eccepita kienet eccepita l-preskrizzjoni tal-azzjoni fil-konfront taghha abbazi tal-**Art 2156(f) tal-Kap 16**.

**Fil-mori tal-kawza, l-attur irtira t-talbiet tieghu kif dedotti kontra l-konvenuta, ghaliex waqt il-gbir tal-provi, irrizulta li l-beni tal-konjugi Portelli huma regolati bir-regim tas-separazzjoni tal-assi, ad eskluzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.**

**Ghalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta` din l-eccezzjoni.**

**Ghall-istess raguni sejra taghmel l-istess fir-rigward tas-sitt eccezzjoni.**

**V. L-azzjoni attrici kif dedotta kontra l-konvenut**

Huwa pacifiku illi kawzi quddiem il-qrati superjuri jridu jimxu a bazi tal-kawzali li jgib `il quddiem l-attur. Jekk it-talba ssir abbazi ta` kawzali partikolari, mhux lecitu ghall-parti jew ghall-qorti li tinvestiga `l hinn minn dik il-kawzali. Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha fil-kawza "**Azzopardi vs Azzopardi**" moghtija fil-31 ta` Jannar 2003, u li kienet citata fid-decizjoni li tat il-Qorti tal-Appell fl-24 ta` Gunju

2011 fil-kawza "**Farrell vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**" : "*il-Qorti ghandha toqghod fuq il-kawzali u t-talba dedotta u* ***xejn izjed****.*"

Dan premess, jirrizulta li l-attur qieghed isejjes l-azzjoni kontra l-konvenut abbazi ta` l-kuntratt ta` mutwu li huwa regolat bl-**Art 1842 sal-Art 1855A tal-Kap 16**. L-attur jikkontendi li huwa silef l-ammont ta` €64,800 lill-konvenut personalment (mhux lil xi kumpannija) sabiex b`dak is-self il-konvenut ikun jista` jimporta lejn Malta deheb minn Sierra Leone. Wara li n-negozju sfratta, l-attur jikkontendi li minflok il-konvenut tah il-flus lura, dan ghamel uzu mill-flus sabiex jixtri banka tal-lottu. Il-konvenut jikkontesta li l-fatti graw kif fissirhom l-attur. Jikkontendi li l-attur investa (mhux silef) flus fin-negozju tal-importazzjoni ta` deheb minn Sierra Leone. Tant hekk kien il-kaz illi, apparti l-kapital investit, l-attur mhux imghax kellu jithallas izda terz tal-profitt kollu li kien se jhalli n-negozju.

Fix-xiehda tieghu, l-attur stqarr illi qabel ghadda l-flus lill-konvenut, dan kien qallu illi kienet ser tigi kostitwita kumpannija li permezz taghha kien se jsir in-negozju tal-importazzjoni tad-deheb. Bhala fatt il-kumpannija u cioe` MSLT kienet registrata fit-13 ta` Marzu 2012. Il-konvenut xehed illi l-attur kellu jidhol bi shab fil-kumpannija MSLT, izda dan ma sehhx ghaliex l-attur kien ighix bir-*relief* u nghata parir li jekk jidhol bhala azzjonista f`MSLT kien jitlef il-beneficcju li jibqa` jithallas l-assistenza socjali. Da parti tieghu l-attur innega l-fatt li ma dahalx fil-kumpannija ghaliex ma kienx jaqbillu. Imkien l-attur fix-xiehda tieghu, jew fin-nota ta` sottomissjonijiet li pprezenta, ma jikkontesta dak illi xehed il-konvenut dwar il-fatt li l-attur kien jithallas beneficcji tal-assistenza socjali.

Anke jekk Cortis ma dahalx bi shab fil-kumpannija, jibqa` l-fatt li kien jaf dwar MSLT. Daqstant iehor jidher li kien jaf illi bhala sieheb fil-kumpannija kien hemm Chief Kallay. Bhala azzjonista kien hemm ukoll Portem Investments li rrizulta li hija kumpannija fejn il-konvenut huwa l-*beneficial owner*. Cortis ikkonferma wkoll illi sa mill-bidu nett kien jaf x`tip ta` negozju kien se jsir. L-attur stqarr li f`temp ta` hmistax-il jum mindu sar jaf bin-negozju jghid li thajjar ghaliex "*ic-cifri kienu sbieh*" u ghadda s-somma ta` €60,000 lil Portelli jghid "*minhabba l-hbiberija*" li kien hemm bejniethom. Cortis stqarr li ma setax jafda lil Chief Kallay ghaliex ma kienx jafu u kellu diffikultajiet jikkomunika mieghu.

Abbazi tad-dokumenti esebiti jirrizulta illi l-attur ghadda cheque ghal €60,000 li ssarraf mill-konvenut. Fil-fatt ic-cheque kien mahrug mid-ditta Calamatta Cuschieri u kien intestat f`isem l-attur. Kienu l-import ta` flus li kienu nvestiti f`ismu mill-istess Calamatta Cuschieri. L-attur ghamel *endorsement* tac-cheque favur il-konvenut. Cortis kien jafda lil Portelli u ghalhekk ic-cheque ghaddieh lilu.

**Dakinhar li kien girat ic-cheque u hadu f`idejh il-konvenut ma saret l-ebda skrittura bejniethom, u lanqas ma nghatat ricevuta. Dan il-fatt ghandu rilevanza u mportanza ghall-esitu tal-kawza.**

Il-konvenut jinsisti illi l-flus ircevihom ghan-nom ta` MSLT. jghid illi sabiex ma jhallix ic-cheque jigri, iddepozitah fil-kont ta` Portem Investments, azzjonista ta` MSLT. Minn Dok BOV2 jirrizulta li dan id-depozitu sar fis-26 ta` Marzu 2012. Portelli specifika li d-depozitu sar fil-kont ta` Portem Investments ghaliex dak iz-zmien MSLT kien ghad ma kellhiex kont tal-bank. Anke jekk MSLT kienet diga` registrata Malta, il-bank kien irid jaghmel verifiki u jezercita kontrolli rikjesti mil-ligi, anke ghaliex wiehed mill-azzjonisti kien *third party national* u cioe` ma kienx cittadin ta` pajjiz membru tal-UE.

**Irrizulta li l-ghada li sar id-depozitu tac-cheque l-bank, u cioe` fis-27 ta` Marzu 2012, sar kuntratt ta` kostituzzjoni ta` debitu. Il-ftehim sar bejn Mark Anthony Portelli ghal MSLT u John Cortis.**

Skont dan il-kuntratt, jirrizulta li kien sar self ta` €64,800 bejn MSLT u l-attur ghall-importazzjoni tad-deheb bil-pattijiet u kondizzjonijiet li gejjin :

*1. … by title of loan for the First Party`s use, which sum the First Party obliges itself to refund to the Second Party within 1 year from the publication of this Agreement.*

*2. Parties agree that interest at the rate of 8% shall accrue on this sum.*

*3. Parties agree that there shall be no strict modality of payment, as long as full payment is effected within the term agreed to in Article 1 of this Agreement.*

*4. Parties agree that they are fully satisfied with the terms and conditions of this Agreement*.

Jidher li l-ftehim kien abbozzat mill-konvenut, u l-konvenut jghid li sar b` insistenza tieghu. Dan il-fatt mhuwiex kontestat mill-attur. Lanqas ma huwa kontestat li l-attur iffirma l-kuntratt.

B`dan il-kuntratt, il-kwistjoni tiehu svolta ohra.

Bil-miktub qed jirrizulta li l-attur ma silef xejn lill-konvenut.

Li ma jikkonfermax l-attur huwa li l-ftehim sar sabiex hu jkun kopert ghall-flus li silef lil MSLT. L-attur jikkontendi li huwa ffirma l-*karta* (kliem l-attur) li pprezentalu l-konvenut izda ma kienx jaf x`kien fiha ghaliex huwa ma jafx jaqra u jikteb. Pero` lil Portelli kien jafdah u ma kellux ghalfejn jiddubita mill-agir tieghu ; ghalhekk jghid li ma hax parir qabel iffirma.

Tajjeb jinghad illi ghalkemm il-ftehim kien jistipola illi r-rifuzjoni tal-intier misluf kellu jsir sa zmien sena mid-data tal-kuntratt, jidher li dan il-patt ma kienx rispettat. Infatti jirrizulta li sar hlas ta` €12,000, permezz ta` pagamenti li kienu koperti b`cheques li hareg il-konvenut favur l-attur. Skont il-konvenut, ghalkemm il-hlas jidher li sar minnu personalment, effettivament il-hlas sar minn Portem Lotteries and Gaming Limited, u huwa ttrasferixxa xi flus internament sabiex jithallas lura.

Jirrizulta li kien biss fit-8 ta` Gunju 2016 illi l-attur ipprezenta ittra ufficjali kontra l-intimat fejn talab il-hlas. Bejn id-data tal-ftehim u d-data tal-ittra ufficjali l-attur ghamel negozju iehor ma` l-konvenut u terzi. Dwar dan in-negozju l-konvenut xehed illi Cortis kien insista mieghu li ladarba kien investa l-flus allura ried jaghmel xi haga bihom biex jigbor xi haga lura.

Ghalhekk kien se jsir negozju ma` Norman Zammit. Skont il-konvenut, l-attur hareg l-ammont ta` €26,666 billi attwalment hareg dawk il-flus. Investa wkoll €26,666 ohra li gew mill-flus li kien hareg ghall-importazzjoni tad-deheb. Fuq l-att ma` Zammit, il-konvenut jghid illi deher kemm f`ismu propju kif ukoll ghall-attur, ghalkemm ma saret ebda prokura formali u miktuba. Jirrizulta li meta l-investiment ma` Zammit ma rnexxiex, l-attur baqa` passiv billi jidher illi kien il-konvenut li ha azzjoni biex jigbor il-flus lura minghand Zammit. Jirrizulta li l-konvenut awtorizza l-izbank minn Cortis. Portelli kkonferma li l-flus investiti fin-negozju ma` Zammit harighom l-attur. Il-Qorti tosserva illi l-attur kien evaziv fix-xiehda tieghu dwar in-negozju ma` Zammit. Tqis ukoll illi ghalkemm l-attur innega illi l-flus min-negozju ma` Zammit kellhom jigu zbankati minnu, finalment hekk gara. Dwar dan kollu, l-attur ma kkontestax ix-xiehda tal-konvenut.

Jibqa` l-fatt illi fil-mori tal-kawza l-attur irriduca l-ammont tal-pretensjoni tieghu drastikament. Infatti ghalkemm il-pretensjoni originali, kif riflessa fir-rikors guramentat, kienet ta` €52,800, fil-mori tal-proceduri, l-ammont reklamat nizel ghal €6,284.81. In-nota ta` riduzzjoni li pprezenta l-attur fid-29 ta` Ottubru 2018 (fol 365) tghid li r-riduzzjoni saret *stante pagament in parte wara zbank ta` cedoli mir-Registru tal-Qorti.* Il-konvenut jaghti rendikont tal-hlasijiet kollha illi saru u jelenka d-dettalji ta` kull pagament. L-iskeda ta` l-pagamenti li pprezenta l-konvenut ma jidhirx li kienet kontestata mill-attur. Lanqas fin-nota ta` sottomissjonijiet tieghu ma sar accenn ghaliha.

Il-kontestazzjoni tal-attur tibqa` li huwa ghadda l-flus lill-konvenut personalment u li dan uza l-flus biex jakkwista r-raba` banka tal-lottu. Dwar din l-ahhar jidher li l-konvenut ghamel l-akkwist wara li kiseb self mill-bank.

Evidenti huwa l-konflitt fil-provi li ressqu l-partijiet dwar lil min sar is-self u x`sar mill-flus.

Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza '**Xuereb et vs Gauci et**` il-Qorti ta` l-Appell (Sede Inferjuri) qalet hekk dwar il-konflitt ta` provi fil-kamp civili –

*Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440)."*

(ara wkoll : **Prim`Awla tal-Qorti Civili** : "**Bugeja vs Meilak**" – 30 ta` Ottubru 2003 ; "**Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa**" – 28 ta` Mejju 2003 ; u "**Farrugia vs Farrugia**" – 24 ta` Novembru 1966)

Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-28 ta` April 2003 fil-kawza "**Ciantar vs Curmi noe**" kien precizat hekk –

*"Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo ;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-*

*istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)"*

(ara wkoll : "**Camilleri vs Borg**" – **Appell Civili** – 17 ta` Marzu 2003 ; "**Zammit vs Petrococchino**" – **Appell Kummercjali** – 25 ta` Frar 1952 u "**Vassallo vs Pace**" – **Appell Civili** – 5 ta` Marzu 1986)

Fis-sentenza li tat fis-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza "**Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**" din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk :-

*… Illi l-Qorti tqis li, ghalkemm il-grad ta` prova fil-prodediment civili m`huwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b`daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b`sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju. Izda f`kazijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kwazi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdahhal xi eghmil tal-qerq tal-parti mharrka huwa ammess li "f'kawza civili d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke` s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika" (ara - P.A. PS - Emanuel Ciantar vs David Curmi et - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).*

*Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b`mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - Hans J. Link et vs Raymond Mercieca). Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma` dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti*

*attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm-il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, l-Qorti tista` taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil).*

*Illi huwa ghalhekk li l-ligi torbot lill-parti f`kawza li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).*

*… Izda dak li jghodd f`kawza m`huwiex l-ghadd tax-xhieda mressqa ghaliex "il-fatt li xhieda jkunu gew prodotti minn parti partikolari f`kawza ... certament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b`ghajnejha maghluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jghidu 'favur` il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jigix prodott biex jixhed 'favur` parti jew 'kontra` ohra, imma jigi prodott biex jghid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha" (ara - App. Civ. 19.6.2006 - Emanuel Ciantar vs David Curmi et)*

*Illi l-Qorti tqis li, izda, bhal ma jigri f`kazijiet bhal dawn, il-verzjonijiet tal-partijiet u ta` dawk li setghu nvoluti maghhom ikunu tabilfors mizghuda b`doza qawwija ta` apprezzament suggettiv ta` dak li jkun gara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma u l-parti l-ohra bhala l-hatja, u dan jghodd ukoll ghall-verzjonijiet li jaghtu dawk il-persuni l-ohrajn li jkunu b`xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistghu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x`kien li tassew gara u kif imxew l-affarijiet ;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju m`huwiex dak ta` provi lil hinn mid-dubju ragonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-principju ghandu jkun li tkun*

*favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m`ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.) Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta` prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lil Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, l-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista` toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta` xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju (ara - App. Civ. 19.6.2006 - Emanuel Ciantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta` ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta` gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et)*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta` April 2007 fil-kawza "**Joseph Tonna vs Philip Azzopardi**" inghad hekk :-

*(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta` l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5 ;*

*(ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista` joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta` l-attur hija sostenuta` – Ara Vol. XXXVII/i/577 ;*

> *(iii) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta` l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju 'n kwantu timponi fuq il-gudikant l-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat ;*
>
> *(iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji w allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu.*

Ferm il-premess, din il-Qorti tghid illi fatt wiehed huwa cert u cioe` illi t-trasferiment ta` €64,800 mill-attur lill-konvenut sar billi ssarraf mill-konvenut cheque ghal dak l-ammont li kien girat favur il-konvenut mill-attur, liema cheque kien mahrug minn Calamatta Cuschieri u ntestat lill-attur.

Ghall-attur it-trapass tal-flus kien self, waqt li ghall-konvenut kien investiment mill-attur f`negozju, fejn ghalkemm ma kienx se jidher formalment, l-attur kien ser jircievi terz mill-profitt, apparti li jiehu lura l-kapital investit. Il-konvenut jghid li l-attur investa flus fl-importazzjoni ta` deheb minn Sierra Leone.

Ghal din l-Qorti tibqa` **<u>centrali</u>** l-kwistjoni li l-attur jallega li silef lill-konvenut is-somma ta` €64,800 minghajr ebda kondizzjonijiet u minghajr ma ssir kitba, u li kien biss fuq insistenza tal-konvenut li saret il-kitba wara li ghaddew il-flus. L-intimat jichad li ssellef flus minghand l-attur.

Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fit-3 ta` Dicembru 1999 fil-kawza "**<u>Vella vs Vella noe</u>**". Hemm inghad illi l-portata tal-vinkolu kontrattwali jigi determinat meta tkun kontrattata l-

obbligazzjoni. Din il-Qorti tghid illi f`dak il-mument min jikkontratta ghandu l-obbligu li jiddikjara b`mod car u univoku illi dik il-kontrattazzjoni ma tkunx qed issir f`ismu izda fl-isem ta` persuna ohra - fizika jew morali - li trid tkun ben identifikata. Min jikkontratta ghandu l-obbligu li jassigura li dan l-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza tal-parti l-ohra, ghaliex altrimenti jkun qed jassumi personalment r-responsabbilita` ghan-negozju minnu kontrattat u l-obbligi naxxenti minn dak in-negozju.

Il-Qorti tghid illi anke s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta` Ottubru 1999 fil-kawza "**Formosa et noe vs Felice**" taghti direzzjoni **preciza**. Hemm inghad illi kien jispetta lill-gudikant li jizen c-cirkostanzi ta` kull kaz biex jasal ghal konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rappresentanza ta` haddiehor. Certa kazi huma ovvji ; ohrajn mhux daqstant.

**Din il-Qorti hasbet fit-tul.**

**Issib li dak li sar bejn l-attur u l-konvenut fir-realta` ma kienx self izda investiment mill-attur lejn negozju li kien qed jipproponi l-konvenut ta` importazzjoni ta` deheb minn Sierra Leone. In-negozju kellu jkun gestit minn MSLT.**

**Il-Qorti tqis bhala inverosimili dak li nghad mir-rikorrent li huwa silef il-flus lill-konvenut personalment u li dan uzahom ghall-iskopijiet tieghu personali. Din il-Qorti tirrileva illi l-kawza tal-lum kienet impostata mir-rikorrent fuq il-pretensjoni ta` self mhux ta` frodi jew xi agir iehor doluz da parti tal-konvenut, kif ittanta jimplika r-rikorrent waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Ladarba l-attur ghazel li jipprocedi bl-azzjoni abbazi ta` self, il-Qorti hija obbligata u ghandha tiddeciedi skont it-talba.**

**Johrog bl-aktar mod car mill-assjem tal-provi illi ghalkemm ic-cheque mar *brevi manu* ghand il-konvenut, in-negozju kien qieghed isir ma` MSLT u mhux mal-konvenut personalment. Fil-**

**mument li l-konvenut kien qieghed jircievi c-cheque huwa kien qed jagixxi ghan-nom ta` MSLT. Tant hu hekk li l-ghada li c-chque ghadda mill-bank u dahal fil-kont ta` wahda mill-azzjonisti ta` MSLT u cioe` Portem Investments, kien iffirmat il-kuntratt bejn l-attur u MSLT : fuq insistenza ta` min mhux rilevanti.**

**Anke li kieku l-Qorti kellha taccetta l-kelma tal-attur illi ma kienx qara dak li jghid il-kuntratt, jew li lanqas imqar fittex li xi hadd biex iffissirlu l-kontenut, jibqa` l-fatt illi l-attur kien jaf ben tajjeb illi kienet giet kostitwita MSLT sabiex isir in-negozju. Mhux kontestat mill-attur li kienet ghazla tieghu li ma jkunx azzjonista tal-kumpannija de qua. Kien ukoll ir-rikorrent li ghazel li jissogra dik ic-cifra minghajr ma jkun debitament kopert.**

**Ghal din il-Qorti ghalhekk huwa evidenti ghall-ahhar li r-rikorrenti ma silef xejn lill-konvenut personalment. Ir-rikorrent ha sogru bi flusu ghaliex fin-nofs kien prospettat ritorn jew qligh tajjeb, bla dubju ferm aktar milli jaghtu l-banek bhala imghax fil-prezent.**

**Ghaliex falla dak l-investiment – li certament ma kienx self - m`ghandux iwiegeb il-konvenut personalment.**

**Konsegwentement it-talba attrici anke jekk sostanzjalment ridotta ma tistax tigi akkolta kontra l-konvenut Mark Anthony Portelli de proprio.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Stante li l-attur irtira t-talbiet tieghu kontra l-konvenuta Vania Portelli fil-mori tal-kawza, qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici kif dedotti kontra l-konvenuta Vania Portelli.**

**Ghalhekk qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tas-sitt (6) eccezzjonijiet, li kienu jirrigwardaw lill-konvenuta Vania Portelli.**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet l-ohra li jirrigwardaw lill-konvenut l-iehor Mark Anthony Portelli.**

**Tichad it-talbiet tal-attur kif dedotti kontra l-konvenut Mark Anthony Portelli, anke kif kienu ridotti fil-mori tal-kawza.**

**Tordna lill-attur sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**